Salvatore Mousu'

# It-Titular minn tal-Karmnu għal tal-Karmnu

L-ewwel ħsieb li jgħaddi minn moħħ il-qarrej huwa tal-mistoqsija dwar x'irrid ngħid biha din it-titolu bir-ripetizzjoni tat-titolu li ngħatu lil Sidtna Marija tal-Karmelu u bir-raġun. Dana qed nikkwotaħ peress li jekk wieħed imur lura lejn zmien it-twelid tal-parroċċa tagħna jrid jiftakar – jew x'aktarx illum jiskopri – li l-ewwel titular tal-knisja tagħna tal-Gzira ma kienx dak tal-Madonna tal-Karmnu imma dak tal-Madonna tal-Ħniena. Dan allura jitfa fin-nofs titular ieħor, imma aħjar naraw kif ġraw l-affarijiet.

L-istorja tat-tfieh tal-ġebel mit-tliet baħrin John Packhun, Charles Turnbull u William Walls lejn il-faċċta tal-ħanut ta' Karmenu Brincat jaf biha kulħadd. Daqstantieħor anzi aktar, kulħadd jaf dwar dik l-unika ġebla imdaqqsa li ngastat ruħha mal-ħġieġ imkisser tan-niċċa ċkejkna bl-istampa ċkejkna tal-Madonna tal-Karmnu f'dik il-lejla 'storika'għalina tal-għaxra ta' Lulju tas-sena 1902.

Jekk dawn it-tliet baħrin ikkommettewx dan ir-reat bl-iskop li jinsulentaw lin-niċċa ma nistgħux ngħidu. Huwa fatt però li dawn il-baħrin ma kienux biss b'diversi kisriet tal-liġi talli saħansitra sawwtu lil Karmenu Brincat u li ma kienx ghall-intervent tal-pulizija fil-pront, il-Bambin biss jaf x'seta jiġrilu il-povru Karmenu. Zgura li Karmenu beda jwaħwaħ bl-uġiegħ meta qala daqqa fuq wiċċu b'injama hekk kif fetaħ bieb il-ħanut sabiex jara x'kien qed jiġri bit-tfieh tal-ġebel. Imma għandi nissoponi li l-uġiegħ ta' Karmenu kwazi għeb għal kollox, għalinqas momentarjament, meta b'għaġeb kbir tiegħu lemaħ dik il-ġebla maqbuda bejn zewġ ħġieġiet; ma rridux ninsew li minkejja li kien is-sajf kienet lejla ta' riefnu minn dawk li kultant jaf ifajjar Lulju f'pajjizna.




Intant l-istorja tal-'miraklu', għax hekk beda jissejjaħ tal-ġebla xterdet bħal leħħa ta' berqa u ma naqasx it-tkebbis ta' devozzjoni lejn dak id-daqsxejn ta' kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, tant, li proċessjonalment kien ittiehed f'kamra/remissa mhux 'il bogħod mil-lok tal-inċident.

Ftit wara nbniet kappella zgħira, naturalment iddedikata lill-Madonna imma din id-darba taħt it-titolu tal-'Madonna tal-Ħniena'. Din id-dedika kien hemm minn qabel magħha u min le imma n-nies xorta zdiedet fid-devozzjoni, wara kollox l-importanti kien li l-Madonna tibqa l-patruna prinċipali, pero'

kulħadd baqa' jsibha bħala l-kappella tal-Madonna tal-ġebla minħabba f'li f'moħħ il-poplu baqa' dejjem l-inkwadru oriġinali tal-Madonna tal-Karmelu.

Meta fl-1913 din il-kappella leħqet viċi parroċċa, uffiċjalment din ġiet iddikjarata taħt it-titolu tal-Madonna tal-Ħniena u, taħt dan it-titlou u titular, il-Gzira damet għal kwazi għoxrin sena. It-titular m'hemmx għalfejn ngħidu kien jirrapreżenta lill-Madonna tal-Ħniena, pittura li għadna nistgħu narawha u niggustawha, għaliex le? fis-sagristija tal-parroċċa fejn hemm ir-ritratti tal-kappillani kollha tal-parroċċa tal-Gżira. Din il-pittura ma nafux eżattament ta' min hi, jiġifieri min kien l-artist, però ma hiex nieqsa minn ċerta grazzja u ħlewwa li tiġbdek.

Imbagħad meta fil-1821 L-Isqof Mauro Caruana, wara talbiet ħerqana, fired lill-Gżira għaliha bħala parroċċa huwa probabilment lemah ċerta loġika fil-għarfien tal-poplu bħala il-"Madonna tal-Gebla" liema Madonna kienet dik tal-Karmnu: u qatagħha li dil-parroċċa ġdida tkun taħt il-patroċinju tal-Madonna tal-Karmnu. U hawn naraw il-għaliex fil-bidu semmejt "minn tal-Kamnu għal tal-Karmnu"!

Minħabba f'dan li għidna intħaseb biex jiġi ikkommissjonat kwadru kbir titulari fil-post arkitettonikament pront sabiex jilqa' ġo fih kwadru li jkun jirrappreżenta, m'hemmx għalfejn ngħidu, lill-Madonna taħt it-titolu tal-Karmelu.

Kien żmien ta' attivita' pittorika reliġjuża ta' artisti ta' kalibru li ħallewlna pitturi denji ta' isimhom. Kien żmien meta u fejn il-memorja tal-kbir Giuseppe Cali' l-antagonista tiegħu, Attilio Palombi, kien għadhom ferm friski f'moħħ kulħadd. Issa għaliex qed insemmi dan? Ir-raġuni hija li l-pittur li ntagħżel għat-titular tagħna l-ġdid, għal dak in-nhar, kien pittur imrawwem u magħġun propju ma' dawn iż-żewġ artisti li semmejt:

**Gianni Vella (1885-1977)**
Dal-pittur bormliż kien ferm prolifiku u dan in-numru kbir ta' xogħlijietu kienu l-kawża, inħoss jien, li ġieli waqa' fil-medjokrita'. ħasra wkoll li huwa ġie ingarbuljat, biex ngħid hekk, fil-polemika pikuża li, kif nafu nagħmlu aħna l-Maltin, deffsuħ fil-'partit' ta' Palombi kontra dak ta' Cali'. Is-sabiħa hi li hu beda jistudja u jeżerċita l-professjoni tiegħu ma' Cali' imma wara


# PC PROBLEMS??



Aldo Computer Technician
għal kull ma jinħtieg il-komputer tieghek
fil-kumdita' ta' darek.
Formats, Upgrades, Networks

**Aldo Francalanza**
70' Sir. William Reid Street Gzira
Tel: 21314300 or 79878376



waqa' għal apprendistat ma' Palombi. Wara li qatta ħames snin f'Ruma jistudja u jipperfezzjona ruħhu, irritorna f'pajjiżna u ntefa' b'ruħu u ġismu għall-pittura u l-aktar dik reliġjuża.

Kif issuġġerejt, Gianni Vella kien bniedem ta' burdati fejn u meta laħaq grad elevat ta' arti pittorika imma ġie li wkoll dal-livell tbaxxa mill-punto di vista pittoriku dik l-opra, mad-dettalji kif ukoll komposizzjonalment. Biżżejjed inħarsu fil-knisja tagħna, fejn ħallielna diversi xogħlijiet, imma l-aktar li jispikkaw huma ż-żewġ kwadri laterali tal-kor. Dawn jekk nipparagunawhom, aħjar forsi ngħidu nikkontrastawhom, mat-titular jiġina d-dubju jekk humiex tal-istess awtur, imma l-firma ċarissima dan tiċħdu. Qed nazzarda nitkellem hekk għax it-titular tal-Madonna tal-Karmnu huwa mhux biss ferm 'il bogħod minnhom imma waħdu u fih innifsu jien inqisu bħala kapolavur fid-disinn, fil-kunċett, fis-sinifikat, fil-kulur u fuq kollox fil-kompożizzjoni. Din tal-aħħar qed insemmiha l-għaliex Gianni Vella spiss kien ibati minnha f'xogħlijietu.

Imma hawn, f'dat-titular, il-pittur ħallielna żgur waħda mill-aqwa opri tiegħu jekk mhux ukoll l-aqwa. Bla dubju Gianni ħaseb u pprepara ruħhu sew għal dal-kwadru. Jidher ċar li ddisinja bil-galbu kollu tant l-immudellar, il-qagħda tal-persuni u ta importanza lil-linja disinjativa u



fuq kollox dik li għidt, kompozitiva.

Fil-kumpless huwa ried li mhux biss itina stampa ta' serenita' u glorja ċelesti imma ta' kompożizzjoni armonika li wieħed jista' wkoll isejħilha "klassika" . Iċ-ċirku, l-ovalita' u t-trijangolu huma l-bazi ripetuta li fuqhom il-pittur sawwar il-forma tal-kompożizzjoni kollha. Sabiex wieħed aktar jista' japprezza nitlob lill-qarrej li jifli dawn il-forom kif qed nispjegahom disinjati fl-istampa annessa sabiex josserva kif jinsabu fit-titular tagħna. Hekk per eżempju nosservaw l-ovalita' iffurmata mill-ġwienaħ tal-anġli li telgħin 'il fuq qishom qed jikkarezzaw u jipproteġu l-figura tal-Madonna u l-Bambin. Iż-żewġ ċrieki, dak t'isfel issuġġerit mid-dahar tat-tron li jifforma u jimplika ruħu simbolikament mal-ġuf terren, u dak ta' fuq tas-sema li hu ffurmat mill-kerubini ċkejknin li jiffurmaw awreola madwar il-Koppja Divina.

It-trijangolazzjoni: bażi simbolika ta' solidita' u fermezza, hi ferm ċara, anzi ċari peres li hemm diversi minnhom li jinbnew ġo xulxin u fuq xulxin.

Insomma t-titular tagħna huwa xempju mhux biss ta' devozzjoni imma ta' ispirazzjoni poetika daqskemm artistika. Hekk per eżempju fil-parti poetika naħseb li Gianni permezz taż-żewġ anġli ta' quddiem qed jindikalna u jillustralna it-tant ċelebri innu Flos Carmeli. Kif? Osserva wieħed qed iżomm il-fjur u l-ieħor arpa li tissinifika l-mużika jew aħjar l-għanja lill-Madonna.

Nixtieq nagħlaq, jien nara f'dal-kwadru saħansitra t-tliet virtujiet teologali i.e. il-fidi bil u fil-Madonna, it-tama li hija ttina permezz tal-labtu u l-imħabba tagħha lejna li qeghdha tistedinna biex aħna nirreċiprokawha lejn Binha f'dirajha.

Mr. Maxims®
Ta' Giovanni
Pastizzeria & Pizzeria
184, The Strand, Gżira - Tel: 21 335 756